IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.10.2019
COM(2019) 487 final

ITTRA EMENDATORJA Nru 1 GĦALL-ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI 2020

Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati għan-nefqa agrikola
Aġġustamenti marbuta mal-proposti leġiżlattivi inklużi fil-pakkett ta' tħejjija għall-Brexit tal-4 ta' Settembru 2019
Tisħiħ ta' baġits amministrattivi u aġġornamenti oħra abbażi ta' żviluppi reċenti
Aġġustament tal-istruttura tal-baġit u korrezzjoni teknika

Wara li kkunsidraw:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (…)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

– l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat mill-Kummissjoni fil-5 ta' Lulju 2019[2],

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Ittra Emendatorja Nru 1 tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 għar-raġunijiet stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

[1] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[2] COM(2019) 400, 5.7.2019.

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 3

2. FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA 3

2.1 HARSA ĠENERALI 3
2.2 KUMMENTI DETTALJATI 4
2,3 ĊIFRI DETTALJATI SKONT IL-LINJA BAĠITARJA 5

3. L-AĠĠUSTAMENTI RELATATI MAL-PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI INKLUŻI FIL-PAKKETT TA' TNEJJIJA GĦALL-BREXIT TAL-4 TA' SETTEMBRU 2019. 6

3,1 FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UNJONI EWROPEA 6
3,2 ĦOLQIEN TA' LINJA BAĠITARJA ĠDIDA FID-DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL 6

4. AĠĠUSTAMENTI OĦRAJN 7

4.1 TAQSIMA I – IL-PARLAMENT EWROPEW 7
4.2 TAQSIMA X – SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA 7
4.3 AĠĠORNAMENT TAL-FTEĦIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI 8

5. AĠĠUSTAMENTI U KORREZZJONIJIET TEKNIĊI 9

5.1 FOND GĦALL-INNOVAZZJONI 9
5.2 L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAT-TMEXXIJA OPERATTIVA TA' SISTEMI TAL-IT FUQ SKALA KBIRA FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA (EU-LISA) 10

6. TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 11

1. INTRODUZZJONI

L-Ittra Emendatorja Nru 1 għall-abbozz tal-baġit għall-2020 (AL 1/2020) tkopri dan li ġej:

— L-aġġornament tal-ħtiġijiet stmati, id-dħul assenjat u l-approprjazzjonijiet għan-nefqa agrikola. Minbarra l-fatturi tas-suq li dejjem jinbidlu, l-IE 1/2020 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-agrikoltura minn meta l-Abbozz tal-Baġit 2020 (AB 2020) kien adottat f'Ġunju 2019, kif ukoll proposti oħra li huma mistennija li jkollhom effett sinifikanti matul is-sena baġitarja.

— L-aġġustamenti relatati mal-proposti leġiżlattivi inklużi fil-pakkett tat-tħejjija għall-Brexit tal-4 ta' Settembru 2019.

— Aġġustamenti oħra li jikkonċernaw il-baġits amministrattivi tal-Parlament Ewropew u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli.

— Aġġustament għall-istruttura tal-baġit biex jiġi akkomodat il-Fond ta' Innovazzjoni.

— Korrezzjoni teknika (eu-LISA).

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-IE 1/2020 fuq in-nefqa fl-abbozz tal-baġit tal-2020 jikkonsisti f'żieda ta' EUR 16,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u fi tnaqqis ta' EUR 5,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

2. FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA

2.1 Ħarsa ġenerali

L-IE 1/2020 taġġorna l-istimi għan-nefqa agrikola abbażi tal-aktar *data* ekonomika u qafas leġiżlattiv aġġornati. Sa lejn l-aħħar ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni se jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-ewwel indikazzjoni tal-livell ta' produzzjoni għall-2019, kif ukoll il-perspettiva għas-swieq agrikoli kif ukoll iċ-ċifri attwali għall-biċċa l-kbira tal-eżekuzzjoni baġitarja tal-2019 rigward il-ġestjoni kondiviża tal-FAEG, li huma l-bażi għall-istimi aġġornati tal-ħtiġijiet baġitarji għall-2020.

Minbarra li tikkunsidra l-fatturi tas-suq, din l-IE 1/2020 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi fis-settur agrikolu minn meta tfassal l-AB 2020 f'Ġunju 2019, kif ukoll ta' xi deċiżjonijiet li għadhom qed jitħejjew iżda li se jiġu adottati dalwaqt.

B'mod ġenerali, **il-ħtiġijiet tal-FAEG 2020** (wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-FAEG relatati mad-"dixxiplina finanzjarja") bħalissa huma stmati għal EUR 44 481,1 miljun[3], li hija żieda ta' EUR 304,3 miljun meta mqabbel mal-AB 2020. Din iż-żieda hija dovuta l-aktar għall-ħtiġijiet addizzjonali għall-kapitolu 05 07 *Awditjar tan-nefqa agrikola ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)* (+EUR 174,3 miljun) u għall-kapitolu 05 03 *Pagamenti diretti mmirati li jikkontribwixxu għall-introjti tal-azjendi agrikoli, biex jillimitaw il-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjenda agrikola u biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi* (+EUR 94 miljun). Hemm ukoll modifiki żgħar fir-rigward tal-kapitolu 05 02 *Titjib tal-kompetittività tas-settur agrikolu permezz ta' interventi fis-swieq agrikoli għal* +EUR 36,0 miljun.

L-ammont ta' **dħul assenjat** stmat li jkun disponibbli fl-2020 jiżdied minn EUR 645,0 miljun fl-AB 2020 għal EUR 999,0 miljun (+EUR 354,0 miljun), li altru milli jagħmel tajjeb għall-ħtiġijiet addizzjonali. L-aġġornament tal-istimi jikkonċerna l-ammonti minn deċiżjonijiet għall-ikklirjar tal-kontijiet (+EUR 181,0 miljun) u irregolaritajiet (-EUR 7,0 miljun). Barra minn hekk, l-IE 1/2020 tinkorpora riport mistenni ta' dħul assenjat mill-2019 sal-2020 għal ammont ta' EUR 280,0 miljun

[3] L-ammont tal-ħtiġijiet jikkorrispondi għal EUR 43 482,1 miljun ta' approprjazzjonijiet ġodda kif ukoll EUR 999,0 miljun ta' dħul assenjat.

("żieda" FAEG mistennija)[4], li minnu ammont ta' EUR 100,0 miljun kien diġà inkluż fl-AB 2020. Is-surplus stmat ma jinkludix approprjazzjonijiet mhux użati (EUR 468,7 miljun) tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu tal-2019, li mhux se jintużaw. Dawn l-approprjazzjonijiet mhux użati se jiġu riportati għal rimborż lill-bdiewa soġġetti għad-dixxiplina finanzjarja fl-2020.

B'konsegwenza ta' dawn l-aġġornamenti, il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas l-istimi tan-nefqa għall-agrikoltura b'–EUR 49,7 miljun meta mqabbel mal-AB 2020. L-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 43 482,1 miljun, li jinkludu EUR 478,0 miljun għar-*Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu*, huma meħtieġa biex ikopru l-ħtiġijiet tal-FAEG għall-2020. Dan l-ammont globali għadu taħt il-livell tas-sottolimitu nett tal-FAEG ta' EUR 43 887,1 miljun. Dan ifisser li l-mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja se jiġi applikat biss biex jistabbilixxi r-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu għas-sena finanzjarja tal-2020[5].

2.2 Kummenti dettaljati

05 02 — Titjib tal-kompetittività tas-settur agrikolu permezz ta' interventi fis-swieq agrikoli *(approprjazzjonijiet +EUR 36,0 miljun)*

(f'miljuni ta' EUR, ċifri approssimati bil-prezzijiet attwali)

Interventi fis-swieq agrikoli	Abbozz tal-Baġit 2020	Ittra Emendatorja Nru 1/2020	Abbozz tal-Baġit 2020 (inkl. IE 1/2020)
Ħtiġijiet	2 644,1	+36,0	2 680,1
-Stima tad-dħul assenjat disponibbli fl-2020	150,0	0,0	150,0
Approprjazzjonijiet mitluba	**2 494,1**	**+36,0**	**2 530,1**

B'mod ġenerali, il-ħtiġijiet għall-miżuri ta' intervent fis-swieq agrikoli jiżdiedu kemxejn b'EUR 36,0 miljun meta mqabbla mal-AB 2020. Peress li l-ammont ta' dħul assenjat jibqa' l-istess meta mqabbel mal-AB 2020, l-approprjazzjonijiet mitluba fl-IE 1/2020 jiżdiedu bl-istess ammont għal EUR 2 530,1 miljun.

L-aktar modifika sinifikanti proposta fl-IE 1/2020 għal miżuri tas-suq tikkonċerna **s-settur tal-pollam** (partita baġitarja 05 02 15 99) b'żieda ta' EUR 32,0 miljun, relatata ma' miżuri speċifiċi eċċezzjonali lill-bdiewa wara tifqigħat tal-influwenza avjarja. Barra minn hekk, qed tiġi proposta żieda ta' EUR 4,0 miljun għal għajnuna speċifika għall-apikoltura (partita tal-baġit 05 02 15 06).

05 03 — Pagamenti diretti mmirati li jikkontribwixxu għall-introjti tal-azjendi agrikoli, biex jillimitaw il-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjenda agrikola u biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi *(approprjazzjonijiet - EUR 260,0 miljun)*

(f'miljuni ta' EUR, ċifri approssimati bil-prezzijiet attwali)

Pagamenti diretti	Abbozz tal-Baġit 2020	Ittra Emendatorja Nru 1/2020	Abbozz tal-Baġit 2020 (inkl. IE 1/2020)
Wara d-dixxiplina finanzjarja (inkluż krediti għal "Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu")			
Ħtiġijiet	41 448,0	+94,0	41 542,0
-Stima tad-dħul assenjat disponibbli fl-2020	495,0	+354,0	849,0
Approprjazzjonijiet mitluba	**40 953,0**	**-260,0**	**40 693,0**

Meta mqabbla mal-AB 2020, l-approprjazzjonijiet mitluba għall-kapitolu 05 03 huma riveduti 'l isfel b'EUR 260,0 miljun. Din il-bidla hija dovuta l-aktar għall-ammont ogħla ta' dħul assenjat (+EUR 354,0 miljun) għall-partita 05 03 01 10 *Skema ta' pagament bażiku* (BPS). Iż-żieda tal-ħtiġijiet stmati (+EUR 94,0 miljun) meta mqabbla mal-AB 2020 tirrifletti eżekuzzjoni għolja ħafna

[4] Din l-istima hija bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa reali li waslu mingħand l-Istati Membri sax-xahar ta' Awwissu 2019, flimkien mal-previżjonijiet għall-perjodu mill-01.09.2019 sal-15.10.2019. Informazzjoni sħiħa dwar in-nefqa reali għal dan il-perjodu li jifdal se tkun disponibbli fl-aħħar ta' Ottubru/bidu ta' Novembru 2019.

[5] Ir-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti relatati mal-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja fir-rigward tas-sena kalendarja 2019 hija stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/916. Il-Kummissjoni se taġġorna din ir-rata kif xieraq b'kunsiderazzjoni tal-modifiki proposti f'din l-IE.

fis-sena baġitarja 2019 li hija mistennija tkompli fl-2020. Hemm xi varjazzjonijiet bejn il-partiti baġitarji għal pagamenti diretti, li jirriflettu valutazzjoni aġġornata tal-ħtiġijiet (ara t-tabella ta' hawn taħt).

Nefqa agrikola oħra ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) (*approprjazzjonijiet +EUR 174,3 miljun*)

L-approprjazzjonijiet għall-artikolu baġitarju 05 07 01 07 *Korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar ta' konformità* jeħtieġ li jiżdiedu b'EUR 176,6 miljun bħala konsegwenza ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Każijiet T-459/16 u T-237/17) favur l-Istati Membri dwar deċiżjonijiet preċedenti dwar l-ikklerjar. Barra minn hekk, hemm aġġornament żgħir għall-partita tal-baġit 05 07 01 06 *Korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar ta' konformità tal-kontijiet* għal ammont ta' -EUR 2,3 miljun (ara t-tabella ta' hawn taħt).

2.3 Ċifri dettaljati skont il-linja baġitarja

f'Euro

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III — Il-Kummissjoni Ewropea			
05 02 15 06	Għajnuna speċifika għall-apikoltura	+4 000 000	+4 000 000
05 02 15 99	Miżuri oħra għall-majjal, pollam, bajd, apikoltura, prodotti oħra mill-annimali	+32 000 000	+32 000 000
	Subtotal 05 02	***+36 000 000***	***+36 000 000***
05 03 01 02	Skema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE)	+21 000 000	+21 000 000
05 03 01 07	Pagament ridistributtiv	+7 000 000	+7 000 000
05 03 01 10	Skema ta' pagament bażiku (BPS)	-325 000 000	-325 000 000
05 03 01 11	Pagament għal prattiki agrikoli benefiċjali għall-klima u l-ambjent	+54 000 000	+54 000 000
05 03 01 13	Pagament għal bdiewa żgħażagħ	+120 000 000	+120 000 000
05 03 01 99	Oħrajn (pagamenti diretti diżakkoppjati)	-7 000 000	-7 000 000
05 03 02 50	POSEI – Programmi tal-Unjoni Ewropea ta' Sostenn	+1 000 000	+1 000 000
05 03 02 60	Skema volontarja ta' sostenn akkoppjat	+7 000 000	+7 000 000
05 03 02 61	Skema tal-bdiewa żgħar	-137 000 000	-137 000 000
05 03 02 99	Oħrajn (pagamenti diretti)	-1 000 000	-1 000 000
	Subtotal 05 03	***-260 000 000***	***-260 000 000***
05 07 01 06	Nefqa għal korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar kontabilistiku tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġjar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG	-2 300 000	-2 300 000
05 07 01 07	Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar ta' konformità tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġjar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG	+176 600 000	+176 600 000
	Subtotal 05 07	***+174 300 000***	***+174 300 000***
Total FAEG		**-49 700 000**	**-49 700 000**

Il-kummenti baġitarji rilevanti ġew aġġustati fl-anness.

3. L-AĠĠUSTAMENTI RELATATI MAL-PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI INKLUŻI FIL-PAKKETT TA' THEJJIJA GĦALL-BREXIT TAL-4 TA' SETTEMBRU 2019.

3.1 Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

Skont l-Artikolu 4a, il-paragrafu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002, l-AB 2020 jinkludi ammont ta' EUR 50 miljun għall-artikolu baġitarju 13 06 01. Dan biex tiġi żgurata d-disponibbiltà f'waqtha tar-riżorsi baġitarji f'każijiet fejn, meta titressaq applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, Stat Membru jitlob il-ħlas ta' pagament bil-quddiem.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex tiġi pprovduta assistenza finanzjarja lill-Istati Membri biex ikopru l-piż finanzjarju serju impost fuqhom wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim[6], tintroduċi Artikolu 4b ġdid, li jipprevedi ammont massimu aktar għoli li jammonta għal EUR 100 miljun għal pagamenti bil-quddiem. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-livell ta' pagamenti bil-quddiem taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jiżdied b'EUR 50 miljun, u biex dan l-ammont addizzjonali jitqiegħed taħt riżerva sakemm tiġi adottata l-emenda tal-bażi ġuridika mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

L-artikolu dwar ir-riżerva huwa aġġustat kif ippreżentat fit-tabella ta' hawn taħt, u l-kummenti baġitarji tal-artikoli 13 06 01 and 13 06 02 huma emendati.

f'Euro

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoniji et ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
40 02 41	Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 13 06 01 – Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija*)	50 000 000	50 000 000
Total		**50 000 000**	**50 000 000**

3.2 Ħolqien ta' linja baġitarja ġdida fid-Dikjarazzjoni Ġenerali tad-Dħul

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni[7] tistabbilixxi regoli dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni, minn naħa waħda, u r-Renju Unit u l-benefiċjarji tagħha min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-baġit fl-2020 fil-każ ta' ħruġ tar-Renju Unit mingħajr ftehim.

Il-qafas ta' kontinġenza propost jipprevedi l-possibbiltà li, matul is-sena 2020, ir-Renju Unit u l-entitajiet tar-Renju Unit jibqgħu eliġibbli li jibbenefikaw minn finanzjament tal-Unjoni għal impenji legali li jkunu saru qabel id-data tal-ħruġ jew bejn id-data tal-ħruġ u tmiem l-2019, b'applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197. Dan huwa suġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-proposta.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timplimenta l-proposta, b'mod partikolari biex tkun tista' ddaħħal il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit fil-baġit ġenerali, jeħtieġ li tinħoloq l-istruttura baġitarja meħtieġa għall-baġit 2020. Il-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi li tinħoloq linja baġitarja fil-parti B tad-Dikjarazzjoni Ġenerali tad-dħul: l-artikolu ġdid 3 8 0 maħsub biex jirċievi l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit fir-rigward tal-applikazzjoni tal-qafas ta' kontinġenza.

Ir-rimarki baġitarji relatati mal-linja ġdida proposta jinsabu fl-anness.

---

6 COM(2019) 399 final, 4.9.2019

7 COM(2019) 461 final, 4.9.2019

4. AĠĠUSTAMENTI OĦRAJN

4.1 Taqsima I – Il-Parlament Ewropew

It-talba biex it-tabella tal-persunal tal-Parlament Ewropew (PE) tiżdied b'89 pożizzjoni, u biex jiżdied il-livell ta' approprjazzjonijiet amministrattivi biex ikunu jistgħu jinħolqu pożizzjonijiet ta' aġenti kuntrattwali ma ġewx inklużi fit-taqsima tal-PE tal-AB 2020, sakemm ikun hemm kjarifiki ulterjuri.

Wara aktar skambji mal-PE, u filwaqt li jitqiesu l-proposti rigoruż għall-intestatura amministrattiva tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, qed jiġi propost li fl-AB 2020 jiġu inklużi l-elementi li ġejjin għall-Parlament Ewropew:

— 89 pożizzjoni addizzjonali fit-tabella tal-persunal għas-sena 2020. Dawn il-pożizzjonijiet huma maħsuba għal sena waħda biss tal-baġit u se jitneħħew mit-tabella tal-persunal fl-abbozz tal-baġit għall-2021. Dawn il-postijiet huma maħsuba biex jiffaċilitaw il-kontinwità tal-impjieg tal-persunal temporanju fl-isfond tal-applikazzjoni tal-Artikolu 29(4) tar-Regolamenti tal-Persunal. L-ebda approprjazzjoni baġitarja addizzjonali ma hija meħtieġa. It-tabella tal-persunal aġġornata hija stabbilita fl-anness baġitarju.

— EUR 13,3 miljun ta' approprjazzjonijiet għal persunal estern, li jikkorrispondu għal 155 pożizzjoni ta' aġent kuntrattwali, kif ukoll iż-żieda fl-approprjazzjonijiet meħtieġa biex jiġu koperti l-aġġornamenti tas-salarji u l-progressjoni tal-karriera. Fir-rigward tal-aġenti kuntrattwali, 20 pożizzjoni huma pożizzjonijiet ġodda li għandhom jinħolqu fil-baġit tal-2020 biex tissaħħaħ is-sigurtà, u huma ffinanzjati mil-linja baġitarja 1 4 0 1 Persunal ieħor – sigurtà. 135 aġent kuntrattwali ieħor għandhom jiġu ffinanzjati mil-linja baġitarja 1 4 0 0 Persunal ieħor – Segretarjat u gruppi politiċi. Dawn il-kuntratti diġà jeżistu, peress li l-persunal ġie reklutat fl-2019, b'finanzjament ipprovdut permezz ta' trasferimenti approvati mill-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew (Trasferimenti C1/2019 u C7/2019).

Effett kombinat fuq it-taqsima tal-PE tal-abbozz tal-baġit 2020.

f'Euro

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima I – Il-Parlament Ewropew			
1400	Persunal ieħor - Segretarjat u gruppi politiċi	8 880 451	8 880 451
1401	Persunal ieħor - Sigurtà	4 452 138	4 452 138
Total		**13 332 589**	**13 332 589**

4.2 Taqsima X – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Mill-preżentazzjoni tal-AB 2020, żewġ partiti fit-taqsima tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) evolvew u jeħtieġu aġġornament, jiġifieri:

— Il-binja NEO;

— Adattament tal-persunal tal-Uffiċċju tal-UE fil-Kosovo.

Il-Binja NEO

Il-proġett tal-binja NEO jikkonsisti f'żewġ binjiet li għandhom l-għan li jissostitwixxu l-binja Kortenberg għas-servizzi tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). Il-proġett bħalissa jinsab għaddej u mistenni li jintemm sa tmiem l-2020/bidu tal-2021.

Madankollu, matul l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' sistemazzjoni, is-SEAE rrealizza li l-livell ta' prestazzjoni teknika fl-oqsma tas-sigurtà fiżika u tal-komunikazzjonijiet protetti ma setax jintlaħaq bir-riżorsi disponibbli fil-baġit li kien stmat qabel.

Iż-żidiet huma marbuta mal-ħtieġa li l-ambjent tax-xogħol jiġi protett kontra intrużjonijiet u min ikun irid joqgħod jissamma', skont ir-regoli ta' sigurtà stabbiliti mill-Kunsill u mill-Istati Membri. Il-livell ta' miżuri protettivi meħtieġa jevolvi skont il-progress teknoloġiku u f'konformità mal-livelli ta' theddid stmati. Dan ifisser li diversi soluzzjonijiet li ġew applikati qabel, li fuqhom kienet ibbażata l-istima oriġinali tal-ispejjeż, ma għadhomx suffiċjenti.

Bil-għan li jiġu ppreżentati l-bidliet u l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw, tressaq aġġornament tal-proġett quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li ġie approvat mill-kumitati baġitarji rispettivi fit-3 u t-13 ta' Settembru, 2019.

L-ispiża addizzjonali ta' dawn il-miżuri relatati mas-sigurtà jammonta għal EUR 5,0 miljun taħt il-partita tal-baġit tas-SEAE 2 0 0 2. Madankollu, permezz tar-riprijoritizzazzjoni u r-riallokazzjoni prevista, l-ammont addizzjonali mitlub għall-2020 jista' jitnaqqas għal EUR 2,8 miljun.

Adattament tal-Persunal tal-uffiċċju tal-UE fil-Kosovo

Wara r-rieżami strateġiku 2015/2016 tal-missjoni EULEX, għadd ta' kompiti ta' monitoraġġ, mentoraġġ u konsulenza ġew ittrasferiti mill-EULEX għall-Uffiċċju tal-UE fil-Kosovo f'Ġunju 2018. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, għalhekk, taw baġit li jiffinanzja 12-il membru tal-persunal fl-Uffiċċju lis-SEAE, bi skambju għal tnaqqis akbar fl-organizzazzjoni EULEX.

Il-baġit addizzjonali għall-finanzjament ta' tliet postijiet oħra sar disponibbli lis-SEAE minn Jannar 2019, biex b'hekk l-għadd totali ta' karigi għal kompiti b'rabta mat-tranżizzjoni tela' għal 15. Il-baġit tas-SEAE għall-2019 kien emendat ukoll biex jittrasforma tliet pożizzjonijiet ta' Esperti Nazzjonali Sekondati mingħajr spejjeż (ENS) f'postijiet kofinanzjati, sabiex jiġu attirati aktar interess u kandidati potenzjali mill-Istati Membri.

Madankollu, din il-bidla ma laħqitx l-għan li tattira interess suffiċjenti, u sa issa, imtlew biss żewġ pożizzjonijiet tal-ENS minn total ta' sitta.

Minħabba din is-sitwazzjoni u abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet fl-Uffiċċju, is-SEAE bi ħsiebu jittrasforma wieħed minn dawk il-postijiet tal-ENS mhux użati f'żewġ pożizzjonijiet ta' aġenti lokali. Din it-trasformazzjoni mhijiex mistennija li tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-SEAE iżda tista', skont l-esperjenza tal-aġenti reklutati, tipproduċi xi ffrankar żgħir matul iż-żmien.

Effett kombinat tat-taqsima tas-SEAE fuq l-abbozz tal-baġit 2019

f'Euro

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima X – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna			
2 0 0 2	Xogħlijiet ta' sistemazzjoni u ta' sigurtà	2 786 000	2 786 000
Total		**2 786 000**	**2 786 000**

4.3 Aġġornament tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli

Kif inhu previst fil-punt C tal-Parti II tal-Ftehim Interistituzzjonali[8], il-Kummissjoni eżaminat l-aktar informazzjoni riċenti disponibbli dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd (SFPAs) u għamlet rieżami tal-ħtiġijiet mistennija għall-2020 abbażi tal-iżviluppi fil-proċessi ta' negozjati mal-pajjiżi terzi involuti. Fuq il-bażi ta' dan ir-rieżami, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li ċċaqlaq l-approprjazzjonijiet ta' impenn għal ammont ta' EUR 16,9 miljuni u approprjazzjonijiet ta' pagament għal ammont ta' EUR 14,9 miljuni mir-riżerva (40 02 41) lejn il-linja operazzjonali (11 03 01 *Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi*). It-trasferiment b'effett newtrali fuq il-baġit, jirrigwarda l-Ftehimiet

[8] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

dwar is-Sajd tar-Repubblika ta' Cape Verde, ir-Repubblika tal-Gambja u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau; fil-fatt dawn il-ftehimiet u l-protokolli relatati sadanittant ġew iffirmati u bdew japplikaw b'mod proviżorju.

Id-dettalji tal-linja baġitarja jinsabu fit-tabella ta' hawn taħt u l-kummenti baġitarji rilevanti ġew aġġustati fl-anness.

f'Euro

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoniji et ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
11 03 01	Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi	+16 900 000	+14 900 000
40 02 41	Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 11 03 01)*	-16 900 000	-14 900 000
Total		**0**	**0**

5. AĠĠUSTAMENTI U KORREZZJONIJIET TEKNIĊI

5.1 Fond għall-Innovazzjoni

Il-Fond għall-Innovazzjoni ġie stabbilit mid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni. Huwa jappoġġa l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi b'livell baxx ta' karbonju f'ċerti setturi ekonomiċi. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10a, il-paragrafu 8, tad-Direttiva 2003/87/KE dwar l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), il-Fond għall-Innovazzjoni huwa ffinanzjat għal kollox mid-dħul li jiġi minn irkantar ta' ċertu ammont ta' kwoti għall-emissjoni ta' tunnellata ta' diossidu tal-karbonju (ekwivalenti matul perjodu speċifiku) taħt l-ETS.

Skont l-Artikolu 16, il-paragrafu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856 tas-26 ta' Frar 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat tal-Fond għall-Innovazzjoni, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Fond għall-Innovazzjoni b'ġestjoni diretta jew ġestjoni indiretta skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju. Skont l-Artikolu 19, il-paragrafu 3 tar-Regolament (UE) 2019/856, għall-implimentazzjoni tal-kompiti mwettqa mill-Kummissjoni, inkluż permezz tal-aġenzija eżekuttiva tal-UE, id-dħul tal-Fond għall-Innovazzjoni għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern għall-baġit tal-UE skont it-tifsira tal-paragrafi minn 1 sa 5 tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. In-nefqa tal-Fond ta' Innovazzjoni, inkluża l-ispiża amministrattiva, se tkun iffinanzjata kompletament mid-dħul assenjat estern iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet u mill-ammonti mhux minfuqa mill-programm NER300 preċedenti.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tibda timplimenta l-Fond, b'mod partikolari fid-dawl tal-ewwel sejħa għal proposti ta' proġetti li għandhom jitnedew sa nofs l-2020, jeħtieġ li tinħoloq l-istruttura baġitarja neċessarja fil-baġit 2020. Il-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi li jinħolqu tliet linji baġitarji ġodda: waħda fid-Dikjarazzjoni tad-Dħul tat-taqsima tal-Kummissjoni, l-Artikolu 6 3 7, maħsub biex jirċievi d-dħul assenjat estern; żewġ linji baġitarji fid-Dikjarazzjoni tan-Nefqa tat-taqsima tal-Kummissjoni, l-artikolu 34 03 01 u l-partita 34 01 06 01, maħsuba biex ikopru n-nefqa operazzjonali u amministrattiva (koperta b'mod sħiħ mid-dħul assenjat estern) li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Fond ta' Innovazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856.

Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 22 tar-Regolament Finanzjarju, il-linji baġitarji kollha maħluqa għall-Fond għall-Innovazzjoni se jkollhom annotazzjoni *"pro memoria"* (p.m.). Il-kummenti baġitarji proposti għal dawn il-linji ġodda jidhru fl-anness tal-baġit. L-istruttura baġitarja proposta se

tippermetti li jsir rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni bħala parti mill-kontijiet annwali.

5.2 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)

Kawża ta' żball klerikali, l-approprjazzjonijiet ta' pagament għal din il-partita, kif ippubblikati fl-AB 2020, ma kinux konformi mal-ħtiġijiet tal-aġenzija kif ippreżentati fid-Dokument ta' Ħidma III anness mad-Dikjarazzjoni tal-Istimi 2020. Għalhekk, huwa propost li l-approprjazzjonijiet ta' pagament għal eu-LISA jitnaqqsu b'EUR 21,8 miljun, li jagħti total ta' EUR 196 miljun, li jirrappreżenta l-ħtiġijiet reali tal-aġenzija għall-2020.

f'Euro

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoniji et ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
18 02 07	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	-	-21 794 627
Total		**-**	**-21 794 627**

6. TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Abbozz tal-Baġit 2020		Ittra Emendatorja 1/2020		Abbozz tal-Baġit 2020 (inkl. IE1/2020)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	**83 328 329 504**	**72 150 922 336**			**83 328 329 504**	**72 150 922 336**
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*141 890 522*				*141 890 522*	
Limitu massimu	*83 661 000 000*				*83 661 000 000*	
Marġni	*474 561 018*				*474 561 018*	
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	24 716 438 982	22 108 515 486			24 716 438 982	22 108 515 486
Limitu massimu	*25 191 000 000*				*25 191 000 000*	
Marġni	*474 561 018*				*474 561 018*	
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	58 611 890 522	50 042 406 850			58 611 890 522	50 042 406 850
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*141 890 522*				*141 890 522*	
Limitu massimu	*58 470 000 000*				*58 470 000 000*	
Marġni						
2. Tkabbir sostenibbli: Riżorsi naturali	**59 994 906 170**	**58 014 263 718**	**- 49 700 000**	**- 49 700 000**	**59 945 206 170**	**57 964 563 718**
Limitu massimu	*60 421 000 000*				*60 421 000 000*	
Marġni	*426 093 830*				*475 793 830*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	43 531 805 687	43 501 731 798	- 49 700 000	- 49 700 000	43 482 105 687	43 452 031 798
Sottolimitu	*43 888 000 000*				*43 888 000 000*	
Differenza dovuta għall-arrotondament esklużа mill-kalkolu tal-marġni	*888 000*				*888 000*	
3. Sigurtà u ċittadinanza	**3 729 074 489**	**3 723 911 857**		**- 21 794 627**	**3 729 074 489**	**3 702 117 230**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*778 074 489*				*778 074 489*	
Limitu massimu	*2 951 000 000*				*2 951 000 000*	
Marġni						
4. Ewropa Globali	**10 307 572 239**	**8 986 061 191**			**10 307 572 239**	**8 986 061 191**
Limitu massimu	*10 510 000 000*				*10 510 000 000*	
Marġni	*202 427 761*				*202 427 761*	
5. Amministrazzjoni	**10 324 060 577**	**10 327 063 787**	**16 118 589**	**16 118 589**	**10 340 179 166**	**10 343 182 376**
Limitu massimu	*11 254 000 000*				*11 254 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza	*- 252 000 000*				*- 252 000 000*	
Marġni	*677 939 423*				*661 820 834*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 985 277 215	7 988 280 425	16 118 589	16 118 589	8 001 395 804	8 004 399 014
Sottolimitu	*9 071 000 000*				*9 071 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza	*- 252 000 000*				*- 252 000 000*	
Marġni	*833 722 785*				*817 604 196*	
Total	**167 683 942 979**	**153 202 222 889**	**- 33 581 411**	**- 55 376 038**	**167 650 361 568**	**153 146 846 851**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***778 074 489***	***849 779 197***		***- 14 914 951***	***778 074 489***	***834 864 246***
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	***141 890 522***				***141 890 522***	
Limitu massimu	***168 797 000 000***	***172 420 000 000***			***168 797 000 000***	***172 420 000 000***
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza	***- 252 000 000***				***- 252 000 000***	
Marġni	***1 781 022 032***	***20 067 556 308***			***1 814 603 443***	***20 108 017 395***
Strumenti speċjali oħra	**587 763 000**	**418 500 000**	**50 000 000**	**50 000 000**	**637 763 000**	**468 500 000**
Total Finali	**168 271 705 979**	**153 620 722 889**	**16 418 589**	**- 5 376 038**	**168 288 124 568**	**153 615 346 851**